MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 2062/2002

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Mario Apap u l-istess Mario Apap**

**vs**

**Carmel Spiteri, Julian Sammut, Jeffrey Fabri, David Catania**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz is-socjeta attrici u l-attur talbu il-hlas tas-somma ta' hames mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u tlieta u tmenin centezmu (Lm52.83) in kwantu ghal Lm500.38 lis-socjeta attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' Lm25 lill-attur Mario Apap rapprezenanti danni li sofrew meta l-konvenuti jew min minnhom waqt li kienu qed isuqu l-vetturi bin-numru DBF 762 [Carmel

Spiteri], KKS 444 [Julian Sammut], LAC 273 [Jeffrey Fabri] u KAD 314 [David Catania] fl-20 ta’ Jannar 2001 f’San Giljan kienu involuti f’incident mal-vettura numru DAH 519 propjeta ta’ Mario Apap u kkagunaw danni f’din l-istess vettura.

Ra r-risposta tal-konvenuti li permezz taghha kkontestaw ir-responsabbilta ghall-incident meritu tal-kawza.

Semgha x-xhieda u t-trattazzjoni.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:-

1. Il-kawza odjerna titratta incident tat-traffiku li sehh fl-20 ta’ Jannar 2001 gewwa Triq Regjonali, San Giljan f’gurnata meta kienet niezla hafna xita.

2. Il-vettura numru DAH 519 kienet qeghda tinstaq mill-attur.

3. Il-vetturi kollha f’dan l-incident kienu qeghdin jinstaqu fl-istess direzzjoni.

4. Jirrizulta li l-vettura bin-numru KAD 314 kienet qeghda tinstaq wara dik misjuqa minn Mario Apap [DAH 519]. F’hin minnhom il-vettura ta’ quddiem naqset l-ispeed u l-vettura ta’ wara baqghet diehla fiha meta qalghet daqqa minn wara mill-vettura misjuqa minn Jeffrey Fabri [numru LAC 273].

5. Huwa fatt maghruf li l-vetturi ghandhom izommu spazju bizzejjed minn dawk ta’ quddiemhom b’tali mod li f’kaz li tinqala’ emergenza subitaneja jkunu jistghu jieqfu minghajr periklu. Id-distanza ghandha tkun ikbar fuq toroq imxarrba. Fil-kaz in kwistjoni jidher li l-vetturi ta’ wara l-vettura bin-numru KAD 314 ma kienux qeghdin izommu tali distanza tant li baqghu dehlin f’xulxin.

6. Mill-provi rrizulta li l-vettura ta’ quddiem [DAH 519] qalghet zewg daqqiet (fatt ikkonfermat kemm mill-attur u

kif ukoll mill-konvenut David Catania – seduta tat-28 ta' Novembru 2002). L-attur xehed li l-ewwel daqqa kienet l-ikbar wahda. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-ewwel daqqa grat wara li l-vettura LAC 273 misjuqa minn Jeffrey Fabri baqghet diehla fil-vettura ta' quddiemha [KAD 314] li min-naha taghha bl-impatt giet imbuttata ghal fuq il-vettura DAH 519 misjuqa mill-attur. It-tieni daqqa grat meta l-Mercedes [numru KKS 444] baqghet diehla fil-vettura LAC 273 li regghet giet imbuttata fuq il-vettura KAD 314 u li bl-impatt dahlet fil-vettura DAH 519. Ghal dak li jikkoncerna l-vettura tal-marka Isuzu misjuqa minn Carmel Spiteri, it-Tribunal m'huwiex tal-fehma li bl-impatt il-vettura numru KAD 314 regghet giet imbuttata ghal fuq il-vettura DAH 519. Tant hu hekk li kemm l-attur u David Catania kkonfermaw li l-vettura bin-numru KAD 314 dahlet darbtejn fuq il-vettura misjuqa mill-attur.

7. Id-danni reklamati huma fis-somma ta' hames mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u tlieta u tmenin centezmu (Lm525.83) li ma gewx kontestati mill-konvenui. Mhu xejn facli biex tasal biex tiddetermina l-entita ta' hsara li grat fl-ewwel u fit-tieni impatt. Jidher pero' li l-iktar hsara saret ma' l-ewwel impatt u fic-cirkostanzi t-Tribunal huwa kostrett li jasal biex jiffissa *arbitrio boni viri* s-sehem li kull wiehed mix-xufiera tal-vetturi LAC 273 u KKS 444 ghandu jhallas mid-danni.

8. Fic-cirkostanzi t-Tribunal qieghed japporzjana s-sehem tad-danni li jridu jaghmlu tajjeb ghalihom in kwantu ghal 70% fuq il-konvenut Jeffrey Fabri [vettura LAC 273] u 30% fuq il-konvenut Julian Sammut [vettura KKS 444].

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut Jeffrey Fabri sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u tmienja u sittin lira Maltija u tmien centezmi (Lm368.08) u lill-konvenut Julian Sammut is-somma ta' mija u sebgha u hamsin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm157.75), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-imsemmija konvenuti skond ir-rata fuq imsemmi, b'dan li l-ispejjez tal-konvenuti Julian Sammut u Carmel Spiteri jibqghu minghajr taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------